# FRANCIS ERNEST AGIUS (7.4.1872-13.8.1902)



IL-PROFESSUR RAY MANGION
B.A. (Hons.) (Istitut Agostinjan), M.A. (Storja) (Melit.), LL.D. (Melit.), D.Phil. (Oxon.), M.O.M.

Francesco Ernesto (jew Francis Ernest, inkella Francis fil-qosor) twieled fl-Imsida, iben Dr Pietro Paolo Agius M.D. minn Ħaż-Żebbuġ, u Maria Concetta née Busuttil. Huwa ngħata l-ismijiet ta' 'Francesco Ernesto, *Giuseppe*, *Salvatore*'. Huwa kien ħu, fost l-oħrajn it-tabib Dr Pietro Paolo Agius M.D. li għamel isem u qata' figura prominenti għalkemm kien persunaġġ kontroversjali fil-qasam politiku u ġurnalistiku fl-aħħar tas-Seklu 19 u fl-ewwel kwart tas-Seklu 20.

Francis, affezzjonament magħruf bħala 'Kikku', issieħeb mal-Malta (Reformed) Police Force u nħatar Spettur fl-10 ta' Ottubru 1890.

Huwa kien promoss fil-Korp f'perjodu tabilħaqq imqalleb u li kien karatterizzat minn deċiżjonijiet istituzzjonali li l-Gvern Kolonjali f'Malta ħa permezz tal-ħruġ ta' Orders-in-Council li kienu jinkludu l-impożizzjoni ta' taxxi u s-suppressjoni tal-Lingwa Taljana li wasslu biex ġemgħat nies jagħmlu bosta rimostranzi u manifestazzjonijiet vjolenti fit-toroq tal-Belt Valletta.

Francis Agius kien pulizija li okkupa pożizzjonijiet ta' livell għoli fil-Forza tal-Ordni meta uffiċjali u membri oħra minn fuq s'isfel kienu l-mira ta' attakki personali u kienu severament trattati matul dimostrazzjonijiet ostili li kienu intenzjonati mill-1891 sal-1902.

Francis Agius għex f'perjodu tal-istorja ta' pajjiżu meta l-firda politika kienet inspjegabbli u setgħet tkun faċilment fatali.

Huwa kien ġej minn familja li kienet involuta fil-kumbattimenti partiġġjani tassew ħorox u li kienu jaqsmu l-familji u jnisslu għadab fost l-individwi.

Huwa kien dak il-Malti jew dak l-Għawdxi li minn ħafna aspetti kien jirrappreżenta liċ-ċittadin tal-Gżira-Fortizza fiż-żokra tal-Mediterran f'ġażiba u f'sitwazzjoni imbarazzanti matul epoka kruċjali fil-ġrajjiet politiċi-kostituzzjonali meta l-ħakkiema barranin kienu lesti li jreġġgħu lura l-arloġġ b'iżjed minn ħamsin sena.

Francis Agius ittella' għall-grad ta' Assistent Supretendent tal-*Pulizija* fl-1 ta' Diċembru 1900, sewwasew mal-bidla tas-seklu u mal-qofol tad-diżubbidjenza ċivili u fiżika.

Huwa ndarab mortalment waqt li kien jaqdi d-dmirijiet tiegħu fi Triq il-Fran, fil-Belt Valletta, waqt li partitarji voċiferużi, anti-Britanniċi u filo-Taljani, marċjaw fil-Belt Valletta fi tmiem mass meeting ta' rabbja u protesta 'l barra mill-"Bieb tal-Bombi" fil-11 ta' Awwissu 1902.

Huwa ntgħata daqqa ta' sieq fl-istonku minn raġel mhux magħruf u li baqa' ma kienx identifikat waqt li huwa kien għassa f'Istitut tas-Servizz Militari li kien sitwat fis-sit fejn aktar tard inbnew l-'Bartolo Flats'.

Francis Agius tilef ħajtu meta kellu biss 30 sena u kien għadu għażeb fl-aħjar tiegħu. Huwa miet minħabba l-ferita li ġarrab fir-residenza tiegħu n.103, Triq il-Fran, fil-Belt Valletta. Huwa sarlu l-funeral l-għada 14 ta' Awwissu 1902, u l-korteo proċeda mill-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Portu Salvu u ta' San Duminku, fil-Belt Valletta. Huwa ndifen fil-Punent N.B.30, fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata f'Raħal Ġdid. Madanakollu, il-fdalijiet tiegħu kienu aktar tard trasferiti fil-qabar tal-familja, fil-Lvant Z.G.1., fejn saritilhom sepoltura ġdida mingħajr indikazzjoni ta' ismu, ġewwa l-istess midfen ewlieni tal-pajjiż.

Sfortunatament, Francis Agius u l-mewta traġika tiegħu mhux biss ma baqgħux jitfakkru iżda talli ntesew għalkollox minkejja dan l-Assistent Supretendent kien vittma u martri matul l-eżerċizzju tal-professjoni, tal-vokazzjoni u tal-missjoni tant nobbli, serja u ammirevoli tiegħu.

Huwa baqa' biss imsemmi f'notamenti li baqgħu jeżistu bħala manuskritt ta' bijografiji li l-kompilatur tagħhom Harry Benjamin Formosa, kien qarib kollaterali tiegħu.

## Biblijografija:

Reġistru Pubbliku, Valletta, Malta, Twelidijiet 1365 /1872 u Mwiet 2540/1902; Sigismondo Savona, A Remonstrance against the Imposition of Taxes on the Suppression of the Italian language by Orders in Council Addressed to His Majesty's Principal Secretary of State for the Colonies (Malta, 1901); Harry Benjamin Formosa, Dictionary of Maltese National Biographies including foreigners connected with Malta who died in and are buried in Malta (Malta, 1958).